## ŻWIEĠ BLA DIVORZJU – SKEMA 3

## EFFETTI FUQ L-ULIED

---

1. Elizabeth Marquardt, hija stess bint ta' ġenituri divorzjati u studjuża tal-effetti tad-divorzju fuq l-ulied tagħti din l-istampa fuq iż-żwieġ, id-divorzju u l-ulied[1]:

> *Fiż-żwieġ, wieħed mid-dmirijiet prinċipali tal-ġenituri huwa li jippruvaw jagħmlu sens miż-żewġ dinjiet li jkunu ġabu magħhom: valuri, twemmin, mod ta' mġieba, eċċ. Il-miżżewwġin iridu jħokku ma' xulxin u jippruvaw jillixxaw t-trufijiet ta' dawn iż-żewġ dinjiet. Waqt li jħokku ma' xulxin, jista' jinqala' konflitt. Xi wħud jirnexxielhom jamministraw il-konflitt tajjeb waqt li oħrajn ma jirnexxilhomx. Imma, hija ċara li waqt li huma miżżewwġin, dan il-konflitt huwa parti minn ħajjithom.*
>
> *Meta jiddivorzjaw, tinħoloq sitwazzjoni ġdida. Iż-żewġ ġenituri jirtiraw għad-dinja personali tagħhom; xi wħud jidħlu f'relazzjonijiet oħra, ikollhom impjieg ieħor u jmorru joqgħodu f'postijiet ġodda. Il-valuri u t-twemmin tagħhom jinbidlu. M'għadx ikollhom bżonn iħokku x-xfarijiet tad-dinjiet tagħhom ma' xulxin. Imma hawn hi l-problema, għaliex il-konflitt bejn iż-żewġ dinjiet tagħhom jibqa' preżenti. Wara d-divorzju, dan il-konflitt jintefa' fuq l-ulied (ikunu ta' liema eta` ikunu) biex jippruvaw jagħmlu sens miż-żewġ dinjiet differenti ta' missierhom u ta' ommhom, il-valur, it-twemmin u l-imġieba tagħhom li jkunu qed igħixu f'postijiet differenti.*
>
> *Dawn l-ulied jistqarru li jibdew iħossuhom persuni differenti meta jkunu ma' ommhom jew ma' missierhom. Iħossu li għandhom jaħbu mill-ġenituri, wkoll meta ma jkunu mġegħħla minn ħadd. Ikunu jixtiequ l-preżenza tal-ġenitur li ma jkunux miegħu. Iħossu l-bżonn li jerġgħu jistaqsu l-mistoqijiet kbar tal-ħajja: Min jien? Fejn hu posti? Fejn hu Alla? X'inhu tajjeb u x'inhu ħażin? U dan irridu jagħmluh ħafna drabi weħidhom. Wara d-divorzju, il-ġenituri ma jibqax ikollhom bżonn jagħmlu sens minn dan kollu. Imma l-ulied iridu jippruvaw jiffurmaw l-identita` tagħhom minn żewġ relazzjonijiet differenti. Ukoll fil-każ ta' divorzju fejn kien hemm konflitt mill-anqas bejn il-ġenituri, l-ulied spiss iħossuhom mitlufin u mħollijin weħidhom.*

---

[1] ELIZABETH MARQUARDT (ed.), *Between Two Worlds: The Inner Lives of Children of Divorce,* Crown, 2005 kif ikkwotat f'*Why Your Good Enough Marriage Is Good for Your Kid,* http://www.allword-news.co.uk/2010/11/12/why-your-good-enough-marriage-is-good-for-your-kids/. Dan huwa riċerka li għamlet flimkien ma' Norval Glenn u jikkonsisti minn kwestjonarju ta' 125 mistoqsija li saru lil żewġ gruppi, dawk li kibru f'familja fejn il-ġenituri ddivorzjaw u dawk li kibru f'familja li ġenituri baqgħu flimkien.

2. Studju importanti li tqabbad mid-*Department of Child Health, Postgraduate Medical School of the University of Exeter*[2].

- Intervistaw 152 tfal u l-ġenituri tagħhom
- Tfal f'żewġ gruppi: 9-10 snin u 13-14 snin
- Nofshom jgħixu maż-żewġ ġenituri fil-familja oriġinali u n-nofs l-ieħor ma' ġenitur wieħed/waħda li jikkoabita wara divorzju/separazzjoni.
- Għal dawn id-divorzju/separazzjoni seħħu
  - ✓ 5 snin qabel l-intervista – 34 (45%)
  - ✓ Bejn 4 u 5 snin – 32 (42%)
  - ✓ Anqas minn 4 snin – 10 (13%).
- Dawk li kienu min familji "oriġinali, kienu ġejjin minn familji
  - ✓ kuntenti u bla inkwiet
  - ✓ bl-inkwiet jew mhux kuntenti
  - ✓ mhux kuntenti u bl-inkwiet

Il-konklużjoni ta' dan l-istudju hija:

> *Although most children do not exhibit acute difficulties beyond the initial stage of family breakdown, a significant minority of children encounter long term problems. Compared with their counterparts in intact families, children who had experienced theirparents' divorce were more likely to report problems in key areas of their lives, including psychosomatic disorders, difficulties with school work and low sense of self-esteem... Parental conflict and financial difficulties are clearly important features of family reorganization that are associated with adverse outcomes for children.*
>
> *It appeared that a more important adverse factor was the loss of a parent and the consequences, which included the risk that history would repeat itself with the breakdown of subsequent parental relationships*[3].
>
> *It was possible to compare the effects of family disruption on children in re-ordered families with those [situations] of conflict and/or violence on children living in intact families. From the multivariate analysis carried out, it appeared that the most significant factor of those examined was the re-ordering of the family … rather than the presence of serious conflict or violence [in intact families] that was most closely associated with children's poorer outcomes as measured*[4]

---

[2] MONICA COCKETT – JOHN TRIPP, *The Exeter Family Study – Family Breakdown and its Impact on Children*, published by the University of Exeter, Exeter 1996.

[3] Paġni 59-60

[4] Paġna 55.

3. Paul R. Amato[5], Professur tas-Soċjoloġija fl-Universita' ta' Pennsylvania, jinvestiga kif l-ulied li jgħixu ż-żmien kollu maż-żewġ ġenituri bijoloġiċi miżżewwġin huma differenti mill-ulied li jgħixu ma' ġenitur bijoloġiku wieħed. Juri li l-ewwel kategorija

- jgħaddu anqas minn problem intellettwali, emozzjonali u soċjali u
    - ✓ dan mhux biss waqt it-tfulija tagħhom
    - ✓ imma wkoll meta jikbru.

  Jgħid ċar u tond li
    - ➢ mhux possibbli li juri li l-kawża ta' dawn id-differenzi hija l-istruttura tal-familja, imma jgħid ukoll li
    - ➢ studji li fihom jintuzaw metodi sofistikati ta' statistika jissuġġerixxu li dan huwa hekk.

- Huwa juri li b'paragun ma' wlied oħra, dawk li jikbru f'familja stabbli taż-żewġ ġenituri bijoloġiċi
    - ✓ igawdu minn livell ta' ħajja aħjar,
    - ✓ jirċievu aktar affezzjoni,
    - ✓ jikbru f'ambjent ta' aktar kooperazzjoni bejn il-ġenituri,
    - ✓ ikunu emozzjonalment aktar qrib taż-żewġ ġenituri u
    - ✓ jgħaddu minn anqas sitwazzjonijiet u ċirkostanzi ta' stress.

  Jgħid ukoll li l-istruttura tal-familja mhiex l-uniku fattur li jġib din is-sitwazzjoni.

4. L-istudji daħlu aktar fil-fond fuq dan is-suġġett u eżaminaw bosta fatturi differenti.
    - L-istatistiċi soċjali fl-Istati Uniti juru li bejn 55 u 60 fil-mija tad-divorzji jiġru fi żwiġijiet fejn il-livell ta' konflitt huwa żgħir. L-istudjużi jsejħulhom "żwiġijiet tajbin biżżejjed".
    - Il-Professur Amato, wara għoxrin sena ta' studju fuq elfejn adulti u 700 ulied, jgħid li l-ulied ta' dawn il-kwalita` ta' divorzjati huma l-aktar li jbatu għaliex ma jkollhomx ħjiel li l-ġenituri tagħhom mhumiex kuntenti b'xulxin.
    - Ibatu ħafna wkoll huma dawk l-ulied li jikbru ma' ġenituri li f'inkwiet u konflitti li l-ħin kollu jidhru u jinħassu u xorta jibqgħu flimkien.

---

[5] PAUL R. AMATO, *The Impact of Family Formation Change on the Cognitive, Social, and Emotional Well-Being of the Next Generation*, in THE FUTURE OF CHILDREN – MARRIAGE AND CHILD WELL-BEING, 15/2 (Fall 2005) pp. 75-96.

## 5. Riżultati differenti

Il-Professur Constance Gager mill-Universita' ta' Montclair State, New Jersey mexxiet riċerka oħra dwar l-effetti tal-imġieba tal-ġenituri fuq il-futur ta' wliedhom. Tikkonkludi li

- l-ulied ta' ġenituri li jkunu ħafna drabi f'konflitti serji u jibqgħu miżżewwġin ikollhom aktar konflitti fir-relazzjonijiet tagħhom meta jikbru milli jkollhom dawk l-ulied li l-ġenituri tagħhom ikunu ddivorzjaw[6].
- Gager u sħabha eżaminaw 7,000 koppja miżżewwġin u lil uliedhom.
- L-ewwel eżami tal-ġenituri sar fl-1987 fejn staqsewhom fuq il-livell ta' konflitt li għandhom bejniethom dwar finanzi, xogħol fid-dar, familjari u aspetti oħra.
- Bejn l-1992 u l-1993 reġgħu eżaminaw lill-ġenituri u 1,952 uliedhom li kellhom 'lfuq minn 10 snin.
- Reġgħu għamlu l-istess bejn l-2001 u l-2002 fejn l-ulied issa kellhom bejn 18 u 34 sena.
- Dawn issa kienu jew miżżewwġa jew koabitanti u kienu mistoqsija fuq il-livell ta' kuntentizza u ta' konflitt li għandhom fir-relazzjoni attwali tagħhom.
- Wara li kkonsidraw diversi fatturi, ir-riċerkaturi kkonkludew li l-ulied li jikbru f'familji b'ħafna konflitt, imorru aħjar fil-relazzjonijiet tagħhom meta jikbru jekk il-ġenituri tagħhom ikunu ddivorzjaw.
- L-istess riċerkaturi jgħidu li dan ma jfissirx li d-divorzju tal-ġenituri ma jħalliex effetti negattivi fuq l-ulied għal perjodu ta' bejn sena u sentejn wara d-divorzju.
- Li huwa serju u jinħass stramb huwa l-konkluzzjoni l-oħra ta' din ir-riċerka li tgħid li min-naħa l-oħra, il-kuntentizza tal-ġenituri fiż-żwieġ ma taffettwax il-kuntentizza fir-relazzjonijiet adulti ta' wliedhom.

## 6. Wara t-tieni u t-tielet Żwieġ jew Divorzju

Peress illi r-realta' turi li t-tieni u t-tielet żwieġ huma aktar dgħajfa mill-ewwel żwieġ, huwa possibbli li l-ulied jgħaddu wkoll minn sitwazzjonijiet fejn il-ġenitur li jkunu miegħu jew magħha jidħlu f'numru ta' relazzjonijiet wara xulxin.

---

[6] RACHAEL RETTNER, *Divorce Not always Bad for Kids*, LiveScience.com, 30 ta' Ġunju, 2010. Din ir-riċerka kienet ipprezentata fil-Laqgħa Ġenerali tal-*Population Association of* America tal-2009 u għad trid tkun ippubblikata.k (http://www.livescience.com/culture/parents-divorce-children-relationships-100630.html.

- Rapport interessanti fin-*New York Times on-line* tad-19 ta' Marzu, 1995[7] jitkellem fuq is-sitwazzjoni fejn il-koppji u uliedhom jgħaddu minn aktar minn esperjenza waħda ta' divorzju. Jgħidilna:

  > "L-ulied jitħabtu biex isibu triqthom f'sensiela li tiċċassak ta' "*stepparents, stepsiblings and live-in relationships*".

- Meta jitqabblu l-familji li għaddew diversi drabi minn divorzju ma' dawk li għaddew darba, l-istudji juru li l-ulied li għaddew minn diversi tkissir tal-familja tagħhom ibagħtu minn rata ogħla ta' ansjeta u depressjoni, kif ukoll li jkollhom riżultati agħar fl-iskola u jkollhom aktar problemi fiż-żwiġijiet tagħhom stess.
- Lawrence A. Kurdek, Professur tal-Psikoloġija fl-Universita ta' Wright State, Dayton, Ohio jgħid li ħafna drabi t-tfal "ikunu jitilfu aktar minn ġenitur; ibiddlu d-dar, l-iskola [u] l-ħbieb. It-tfal jagħmlu l-għeruq; jinqalgħu. Is-sens ta' stabbilita' tagħhom tithezzez"[8].
- L-istess Kurdek flimkien ma' professuri oħrajn[9]
  - ✓ studju fuq tliet gruppi ta' 711, 225 u 534 adolexxenti li għandhom eta' medja 12.33, 10.89 u 12.05 rispettivament;
  - ✓ kien hemm min m'għadda mill-ebda esperjenza ta' divorzju tal-ġenituri, kien hemm min għadda darba u kien hemm min għadda darbtejn
  - ✓ sar paragun bejniethom fuq
    - ➢ kemm huma stess jiġġudikaw lilhom infushom dwar livell ta' edukazzjoni, saħħa, użu ta' drogi, stima tagħhom infushom u dixxiplina fuqhom infushom;
    - ➢ kif sħabhom qalu kemm huma stess jilqugħhom
    - ➢ u fejn il-ġenituri tagħhom qalu kif jaraw (*well-being*) lil uliedhom stess.
  - ✓ B'mod ġenerali, wara li sar kontroll fuq numru ta' fatturi, kien hemm riżultat negattiv ċar fost dawk l-adoloxxenti li mal-ġenituri għaddew minn numru ta' tibdiliet.

---

[7] SUSAN CHIRA *Fractured Families: Dealing With Multiple Divorce - A special report.; Struggling to Find Stability When Divorce Is a Pattern*, http://www.nytimes.com/1995/03/19/us/fractured-families-dealing-with-multiple-divorce-special-report-struggling-find.html?pagewanted=all&src=pm

[8] Kif ikkwotat minn SUSAN CHIRA, ibid.

[9] LAWRENCE A. KURDEK, MARK A. FINE, RONALD J. SINCLAIR, *The Relation between Parenting Transitions and Adjustment in Young Adolescents A Multisample Investigation,* in *The Journal of Early Adolescence* 14/4 (November, 1994) pp. 412-431.